FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR: DR. JOSEPH REFALO LL.D. L.P.
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 29 TA' JANNAR, 1996
AVVIZ NUMRU 70\95 J.R.

Balzan Edward

vs

Grech Nena

It-Tribunal,

It-Tribunal wara li ha konjizzjoni tal-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit- 28 ta' Novembru, 1995 fejn l-attur talab:

il-hlas ta' kera ghall-tlett snin, ghall-fond 41, St. Rita Street, Sliema, li hu mikri lill-konvenuta bil-kera ta' Ghaxar Liri Maltija fis-sena li jithallsu bil-quddiem.

u wara li ra li ma gietx prezentata risposta u l-konvenuta lanqas ma dehret biex tikkontesta t-talba.

Wara li semgha x-xhieda tal-istess attur Edward Balzan u d-dikjarazzjoni minnu maghmula fis-sens li l-konvenuta permezz ta' bintha llum stess ghaddietlu l-ammont ta' Tletin Lira Maltija Lm30, ghal kera ghall-perjodu mill- 1 ta' April, 1993 sal- 31 ta' Marzu 1996, dovuta tal-Lm10 p.a. bil-quddiem, u li qedjirtira t-talba tieghu fir-rigward; u wara li ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti; kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra li:

Fl-ewwel lok l-attur kien talab il-korrezzjoni opportuna ghall-dik it-talba li tezorbita l-kompetenza ta' dan it-Tribunal, cioe' dik li tirrigwarda r-ripresa tal-fond, u t-Tribunal laqgha t-talba ghall-korrezzjoni b'dana pero' li jibqghu mpregudikati d-drittijiet tal-attur fir-rigward.

Fit-tieni lok it-Tribunal semgha x-xhieda ta' l-istess attur Edward Balzan li bil-gurament stqarr li l-konvenuta hallsitu l-kera fuq il-fond numru 41, St.Rita Street, Sliema.

Kif fuq inghad l-attur talab l-hlas tal-iskadenza ohra

mill- 1 ta' April, 1996 sal- 31 ta' Marzu, 1997, fl-ammont ta' Ghaxar Lira Maltija (Lm10). Ma hemmx dubbju li sal-lum l-ammont ta' Ghaxar Liri Maltija (Lm10), rigwardanti l-ahhar perijodu ghadu mhux dovut u lanqas biss ma messu intalab. L-attur spjega li huwa talab l-ammont ghax mill-esperjenza tieghu fil-Qorti l-kawzi jdumu, u li ghalhekk sakemm tigi biex tinqatal-kawza l-ammont kien ser ikun dovut. It-Tribunal qed jaghmilha cara li l-intenzjoni tal-Legislatur meta istitwixxa dan it-Tribunal kien proprju li dawn il-kawzi ma jdumux u jigu decizi f'qasir zmien.

Inoltre l-attur qed jitlob l-ammont ta' Hdax il-Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm11.50c) bhala risarciment ghall-ispejjez li kellhu jhallas lill-Avukat Francis Lanfranco meta kiteb lill-konvenuta biex thallas. Jigi rilevat f'dan il-kuntest li l-ispejjez li qed jitlob l-attur ma humiex dawk li huma kontemplati fl-Artikolu 10 sub inciz 2 tal-Att V tal-1995, fejn jinghad:"...Izda f'ebda kaz ma ghandu jigi deciz dwar-spejjez li jkollhom x'jaqsmu ma nefqiet li jkunu jik-konsistu fi drittijiet legali jew kull dritt iehor b'kull isem li jkunu mhallsa minn xi parti li tkun lil avukati, prokuraturi legali jew kull persuna ohra li tassisti lill-partijiet quddiem it-Tribunal.

Kif gia ritenut minn dan it-Tribunal fil-kawza "Accent Clear Traders Ltd vs Puma Footwear Ltd" deciza fit-27 ta' Jannar, 1996, dan it-Tribunal ghandu jifhem li dawn in-nefqiet jikkoncernaw drittijiet spettanti lil-avukati et, ghall-assistenza quddiem it-Tribunal, pero' b'ebda mod ma jirreferu ghall-spejjez legali inkorsi mill-parti f'hidma biex tigbor il-flus spettanti lilha qabel ma tirrikorri ghat-Tribunal. Il-kelma operativa-fil-paragrafu fuq riferit qed tigi mifhuma li hi dik "li tassisti", ossija proprju d-dritt dovut lill-avukati et ghall-assistenza quddiem it-Tribunal, u li ghalhekk mghandiex x'taqsam ma prestazzjonijiet prece-denti rezi mill-Avukat Lanfranco li pero' jikkoncernaw l-istess tentativ biex l-attur jithallas. Il-parti li ser tqabbad lill-xi hadd biex jassistiha quddiem it-Tribunal trid thallas hi lil min qed jassistiha u, kif inhi l-ligi ma tistghax il-parti li jkollha t-tort tbati l-ispejjez ta' tali assistenza.

Fil-kaz partikolari jirrizulta li si tratta ta' spejjez li nkorra l-attur meta qabbad Avukat biex jiehu hsieb jikteb lill-konvenuta, u jirrizulta li dawn il-Hdax

il-Lira Maltija tassew thallsu u li konsegwentement l-attur ghandu d-dritt li jigi rimborsat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qed jiddeciedi illi:

fil-waqt li fl-ewwel lok ma hux qedjiehu konjizzjoni ulterjuri dwar it-talba rigwardanti l-kera ghall-perijodu mil- 1 ta' April, 1993 sal- 31 ta' Marzu, 1996 stante li sar il-pagament, u fit-tieni lok jirrespingi t-talba tal-attur ghall-hlas tal-ammont ta' Ghaxar Liri Maltija ghall-kera ghall-perijodu mill-- 1 ta' April, 1996 sal- 31 ta' April, 1997, stante li dana l-ammont

ghadu mhux dovut u fit-tieni lok qed jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Hdax il-Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm11.50c) spejjez tal-avukat li inkorra l-attur in konnessjoni mal-istess qabel ma rrikorra quddiem it-Tribunal;

u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma fuq imsemmija ta' Hdax il-Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm11.50c).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuta hlief ghal dawk li jikkoncernaw n-notifika, u n-notifika bl-affissjoni minhabba l-korrezzjoni li tibqa' a kariku tal-attur.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.

il-Lira Maltija tassew thallsu u li konsegwentement l-attur ghandu d-dritt li jigi rimborsat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qed jiddeciedi illi:

fil-waqt li fl-ewwel lok ma hux qedjiehu konjizzjoni ulterjuri dwar it-talba rigwardanti l-kera ghall-perijodu mil- 1 ta' April, 1993 sal- 31 ta' Marzu, 1996 stante li sar il-pagament, u fit-tieni lok jirrespingi t-talba tal-attur ghall-hlas tal-ammont ta' Ghaxar Liri Maltija ghall-kera ghall-perijodu mill-- 1 ta' April, 1996 sal- 31 ta' April, 1997, stante li dana l-ammont

ghadu mhux dovut u fit-tieni lok qed jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Hdax il-Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm11.50c) spejjez tal-avukat li inkorra l-attur in konnessjoni mal-istess qabel ma rrikorra quddiem it-Tribunal;

u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur s-somma fuq imsemmija ta' Hdax il-Lira Maltija u hamsin centezmu (Lm11.50c).

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuta hlief ghal dawk li jikkoncernaw n-notifika, u n-notifika bl-affissjoni minhabba l-korrezzjoni li tibqa' a kariku tal-attur.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.